MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 133/2003

Il-Pulizija
(Spettur R. Zammit)
Vs

Anthony Barbara

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14/3/2003 ghall-habta ta' 3.00 p.m. gewwa Mater Boni Consigli Street, Fgura ghamel hsara volontarja fuq vettura numru CAT 226 ta' tip Mazda 323, liema hsara tammonta ghall-LM17.50 ghad-dannu ta' Diane Cilia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Lulju, 2003, li biha, wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ddikjarat dawn il-proceduri preskritti.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta' Lulju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata fejn iddikjarat il-proceduri odjerni bhala preskritti, w konsegwentement, wara li tisma l-provi, tiddikjara w ssib htija fl-imputat appellat skond l-imputazzjoni maghmula w tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, sabiex l-istess imputat ma jigi pprivat mill-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat lura l-atti processwali lill-Ewwel Qorti sabiex tipprosegwi bil-kawza skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li l-preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz effettivament kienet dik ta' sentejn u mhux ta' tlitt xhur galadarba l-imputazzjoni kienet tikkontempla d-delitt ta' hsara volontarja ai termini tal-artikolu 325 ( c ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta , fejn il-piena stabilita hija dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur. Inolte l-Ewwel Qorti ma kienetx legalment korretta li tichad talba ghall-korrezzjoni mill-prosekuzzjoni , u/jew li d-Difiza kellha xi dritt li tigi notifikata mill-gdid bic-citazzjoni kif korretta.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Ikkonsidrat ;

Illi minn ezami tal-process jidher li l-Ewwel Qorti kienet iddikjarat l-azzjoni penali kontra l-appellat Anthony Barbara, preskritta “ex officio” w minghajr ma nghatat xi eccezzjoni f'dan is-sens mid-difiza. Dan ovvjament l-Ewwel Qorti setghet dejjem taghmlu a tenur tal-artikolu 694 tal-Kodici Kriminali .

Issa fil-kaz in ezami gara li minkejja li l-Pulizija Ezekuttiva kienet giet mitluba biex tipprocedi kontra l-appellat bi kwerela (Fol. 2) fejn issemmiet espressament id-data tad-19 ta' Marzu, 2003 bhala d-data tal-allegat reat , il-Pulizija – kif sfortunatament jidher li qed jigri ta' spiss – meta rredigiet il-komparixxi ,bi zball indikat id-data tal-allegat reat bhala l-14 ta' Marzu, 2003 . Meta fl-ewwel u l-unika

udjenza w cioe' dik tal-25 ta' Gunju, 2003 , wara li xehdu tlitt xhieda tal-prosekuzzjoni , l-prosekuzzjoni w l-parte civile ndunaw bl-izball fic-citazzjoni , talbu korrezzjoni fic-citazzjoni w cioe' li l-14 ta' Marzu, 2003 ghandha tigi 19 ta' Marzu, 2003. L-Ewwel Qorti – kuntrarjament ghal dak li ntqal fir-rikors tal-appell – awtorizzat il-korrezzjoni .

Mill-verbal tal-istess udjenza (fol. 5) jidher li f'dan l-istadju d-difiza tablet in-notifika mill-gdid u l-Ewwel Qorti minnufieh ghaddiet biex tat is-sentenza w , wara li hadet in konsiderazzjoni li d-difiza regghet talbet notifika "kif ghandha dritt li taghmel " (Sic!) , iddikjarat il-proceduri preskritti.

Issa kif ben tajjeb irrileva l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu , l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat hija dik ta' hsara volontarja ammontanti ghall LM17.50c u skond l-artikolu 325 ( c ) tal-Kodici Kriminali , jekk l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri l-hamsin lira , imma jkun izjed minn ghaxar liri , l-piena tkun dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur .

Issa huwa ovvju li l-preskrizzjoni applikabbli ghal dax-xorta ta' reat imputat lill-appellat hija dik mahsuba skond l-artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali w cioe' dik ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' inqas minn sena , li hija ta' sentejn. Illi hu ovvju ukoll li ma kienux lahqu ghalqu sentejn bejn meta hu allegat li sar ir-reat u cioe' fid-19 ta' Marzu, 2003 , sad-data tan-notifika tal-komparixxi originali u li zgur sad-data tas-sentenza dan iz-zmien kienu ghadu mhux biss ma ghaddiex imma kien ghad fadallu kwazi sena w disa xhur biex jiddekorri. Ghalhekk zgur li f'dak l-istadju w sahansitra sal-lum hu prematur li xi Qorti tiddikjara l-akkuza kontra l-appellat preskritta w konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali ntavolat a tenur tal-artikolu 413 (1) (b) (iv) (ii) tal-Kap.9 jidher altru milli fondat .

In vista ta' dan ma jidhirx utili li din il-Qorti tinvesti l-aggravju l-iehor tal-appellant f'dan l-istadju , anki billi fil-fatt l-Ewwel Qorti ma cahditx anzi awtorizzat it-talba ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni w f' kull kaz ma jidhirx li l-Ewwel

Qorti kienet , qabel ma tat is-sentenza , ordnat in-notifika mil-gdid tal-komparixxi, fatti dawn li huma l-bazi tat-tieni aggravju .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirrevoka s-sentenza appellata w biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"doppio esame", qed terga' tibghat l-atti lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jigi trattat u deciz mill-gdid skond il-ligi .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------